DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 190574** **20.03.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Parlament jikkommemora Jum id-Down Syndrome***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia flimkien mal-*Whips* taż-żewġ naħat tal-Kamra Byron Camilleri u Robert Cutajar kif ukoll Godfrey Farrugia laqgħu fil-Parlament lill-Assoċjazzjoni Maltija tad-Down Syndrome biex ifakkru Jum id-Down Syndrome li sa mill-2012 beda jiġi ċċelebrat fil-21 ta' Marzu. Din kienet deċiżjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li l-għan tagħha kien li permezz ta' attivitajiet varji madwar id-dinja, jitqajmu aktar għarfien u kuxjenza dwar il-kundizzjoni ġenetika tad-*down syndrome*, xi jfisser li persuna tgħix b'din il-kundizzjoni u l-irwol vitali li għandhom dawn il-persuni fil-ħajjiet u fil-komunitajiet tagħna.

F'diskors tal-okkażjoni l-Ispeaker Farrugia qal li t-tema magħżula għal din is-sena, 'Leave no one behind', ispirata mill-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għas-sena 2030, tirrifletti tajjeb kif is-soċjetà għandha tħares lejn persuni bil-kundizzjoni tad-*down syndrome*, ċioè bħala persuni li għandhom id-dritt jgħixu ħajja b'dinjità u li jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-aspetti kollha tal-komunità. Żied jgħid li sfortunatament spiss ir-realtà hi ferm differenti, b'dawn il-persuni jkunu vittmi ta' attitudnijiet negattivi, nuqqas ta' rispett, diskriminazzjoni u esklużjoni; dan b'riżultat ta' nuqqas ta' għarfien dwar id-*down syndrome*. Irrefera għall-fatt li għall-kundizzjoni tad-*down syndrome* m'hemmx kura iżda dan ma jfissirx li m'hemmx x'tagħmel. Hu jemmen li l-edukazzjoni u l-kura xierqa ta' dawn il-persuni jistgħu jwasslu biex huma wkoll ikollhom il-possibilità li jkunu parteċipi f'diversi aspetti tal-ħajja ta' kuljum. Attività bħal tal-lum għandha għalhekk tagħti l-opportunità li nitkellmu b'vuċi waħda favur l-inklużjoni.

L-Ispeaker Farrugia kkonkluda billi ħa l-opportunità li jirringrazzja lill-professjonijiet kollha li jaħdmu ma' persuni b'din il-kundizzjoni u lill-Assoċjazzjoni Maltija tad-Down Syndrome tal-ħidma tagħha biex jitħares l-iżvilupp u l-benessere ta' dawn il-persuni u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt